MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 400/2012

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Omissis**

**U**

**Paul Gauci Borda**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti  kontra Paul Gauci Borda ta' 33 sena bin il-mejjet Paul u Carmen Cassar imwieled ĦċAttard fit-23 ta' Mejju 1966 u residenti D'Aniens Flat 1 Saint Albert Street, Gżira detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 252366(M) akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, b'idversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollohom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' għamel falsifikazzjoni fil-firma ta' Dr.G Muscat, Pierre Brincat u persuini oħra fuq ċekkijiet tal-Mid-Med Bank u Banek oħra u aktar talli xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksru tal-artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra u cioe' ċekkijiet tal-Mid Med Bank u banek oħra illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli għamel użu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-artikoli 167 u 169 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn Lm1000 bi ħsara ta' diversi persuni, fosthom Wands Limited bl-ammont ta' Lm418.80, Master Wine Limited bl-ammont ta' 319.97, Samrt Supermarket bl-ammont ta' Lm390.40, Paul Scedrri bl-ammont ta' Lm180 u Super Master Limited bl-ammont ta' Lm258.84 bi ksur tal-artikoli 308 u 309 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ msiruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex imexxi jew ibigħhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) talli fis-6 ta' Lulju 1999 minn Birkirkara ikkommetta serq minn vettura EBC 659 għad-dannu ta' Pierre Brincat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat is-sentenza tat-3 t'Awwissu 2012 li fiha l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet

'li mill-eżami tal-provi prodotti, Paul Gauci Borda seta' jinstab unikament responsabbli talli uża cheque (mhux tiegħu) Dok PD2 biex xtara x-xorb minn għand Wands Limited. Dan kif skont iddeponda x-xhud Pasquale de Domenici, li kuntrarjament għat-teżi tad-difiża, kien ċert li kien l-imputat li tah iċ-cheque imsemmi. Il-fatt illi hu tali konferma għamilha wkoll wara li ra r-recording tat-transazzjoni ma jfissirx illi hu kellu xi dubju dwar l-identita' tal-imputat. Xhud ieħor, Carmel Borg Cutajar, li kien jaħdem mal-Master Wine, għalkemm xehed li kien il-ko-imputat l-ieħor li uża ċ-cheque Dok CMC1, pero' kien l-imputat (illum appellant) li mar fil-post flimkien ma' Chapman u saħansitra staqsa lix-xhud fi x'ħin jagħlqu. Għalhekk l-unika reat li fil-fatt ġie ppruvat huwa dak taħt l-artikoli 167, 169, 183 u 184 u 17 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-kumplament, il-Qorti illiberat lill-imputata għax ebda reat ieħor ma jirriżulta. Il-Qorti għalhekk ikkundannat lill-imputat għal piena karċerarja ta' sena effettiva.'

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant li kien intavolat fit-13 t'Awwissu 2012.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur.

Ikkonsidrat

Illi l-aggravji tal-appellant huma dawn li ġejjin:

(1) Li L-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi għal dik li kienet ix-xhieda ta' Pascuale de Domenici għaliex ix-xhieda tiegħu ma tikkostitwix prova sal-grad mitlub mil-liġi sabiex tinstab ħtija.

(2) Il-piena nflitta hija eċċessiva tenut kont taċ-ċirkorstanzi u tat-trapass taż-żmien.

L-appellant kien innega li mela jew iffirma xi ċekkijiet mertu tal-proċeduri odjerni. Ix-xhieda kollha ma għarfux lill-appellant. Skont l-appellant ix-xhud De Domenico ma kienx ċert kienx Paul Gauci jew

le li miegħu kkonkluda n-negozju tax-xorb. Dan kien għarfu mill-filmati tal-video camera u mhux għax kien jiftakru 'per se'.

Mill-istqarrija li għamel l-appellant fid-19 ta' Lulju 1999 huwa kien innega li la kien mela u lanqas iffirma ċ-ċekkijiet li kien intwera ( bin-numri 423, 421 u 425) pagabbli lil Wands Limited, Master Wines u Smart Supermarket respittivament.

Imbagħad ma wieġeb xejn dwar żewġ ċekkijiet oħra - pagabbli lil Paul Ivan Scerri u lil Master Wine Limited. Huwa ċaħad li l-firma u l-kitba fuq iċ-ċekkijiet kienu tiegħu.

Mill-banda l-oħra huwa kkonferma li fir-ritratti murija lilu miġbudin bil-cameras tas-Super Master kien jidher hu.

L-appellant kien qal li hu ma kienx biegħ xi xorb.

Mix-xhieda ta' Joseph Grixti li jaħdem mal-Wands jirriżulta li huwa għaraf lil Daniel Chapman bħala l-persuna li għaraf u ffirma c-cheque. (fol 44). L-isem fuq l-ID card kien ta' Pierre Brincat iżda r-ritratt kien ta' Daniel Chapman.

Xehed **Pascuale de Domenico** fit-30 ta' Lulju 1999 (fol 48). Dan ix-xhud kien jaħdem mad-ditta Wands Hawn ix-xhud indika lil Paul Gauci Borda bħala l-persuna li kienet marret tixtri minn għandu u ċ-cheque (ammont Lm156.30) kien diġa' ffirmat. Huwa ma kienx ra l-ID card għaliex in-numru tal-ID card kien lest miktub fuq wara. **L-ammont muri fuq ic-cheque ma kienx tħallas**.

Xehed Pierre Brincat (fol 51) li qal li kienu llevawlu l-karozza u sab iċ-cheque book nieqes.Fuq iċ-cheques ma kien hemm xejn miktub minnu. Huwa ma kienx iffirma ċ-ċekkijiet u lanqas ma kien responsabbli għall-kitba fuq wara.

Marie Louise Cuschieri xehdet li ċertu Arthur Muscat kien irrapporta li kienu kissru l-karozza tat-Tabib Muscat u nsteraq cheque book minnha. Ċerti cheques kienu twaqqfu.

Xehed ukoll Jeffrey Abel Wedge (Manager tal-Mid-Med ġewwa l-Mosta)(fol 58) li qal li kien avżahom ċertu Mario Azzopardi li kien insteraqlu ċ-cheque book. Għalhekk huma kienu għamlu stop payment.

Is-Sur Mario Azzopardi (fol 66) xehed li kien sab il-karozza sgassata u li kien insteraqlu c-cheque book. Huwa kien għamel rapport lill-Bank dwar din is-serqa. Huwa ma kienx awtorizza lil xi ħadd biex joħroġ iċ-ċekkijiet ta' wara n-numru 31. Lill-imputati ma kienx jafhom.

Carmel Mary Cutajar (fol 69) għaraf lill-imputat bħala wieħed mill-persuni li kienu marru għand il-Master Wine u talbu xi xogħol għal xi party. Ix-xhud indika lil Paul Gauci Borda bħala l-bniedem li staqsieh sa x'ħin jibqgħu miftuħin. Imbagħad taw ix-xorb lill-imputati. Ic-cheque kien għamlu u iffirmah Daniel Chapman.

Is-sur Arthur Muscat, Group Resources Manager ta' Simonds Farsons Limited, xehed (fol 82) li kien sab id-dashboard tal-karozza mkisser u naqsulu xi affarijiet inkluż cheque ta' Dr George Muscat, bniedem anzjan ta' 92 sena. Meta kienu muri ċ-cheque relattiv ix-xhud qal li l-firma ta' fuq ic-cheque ma kinitx tiegħu u li hu ma kien awtorizza 'l ħadd biex joħroġ ic-cheque.

Minħabba li l-imputat Daniel Chapman ma setax jinstab, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju u filfatt dan seħħ. (fol 111).

Meta xehed is-sur Degaetano, dan qal li kien ta kaxxa JB lil raġel twil iżda m'għarafx lill-imputat.

L-istess ġara meta xehdu Frederick Stivala (fol 125) u Sergio Micallef (fol 128).

L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli fil-11 t'Awwissu 2002 (fol 163) u d-difiża tat kunsens għall-proċeduri sommarji (fol 169).

Xehed Pascuale De Domenico (6 ta' Mejju 2005). A fol 182 x-xhud għaraf lill-appellant. Qal ukoll li l-ħanut tagħhom ibigħ xorb u li l-appellant kien xtara b'madwar Lm100 xorb. Il-ħanut kellu video jibqa' għaddej 24 siegħa u meta marru l-pulizija kien qalilhom 'dak kien ir-raġel li ġie f'dak il-jum.' Ix-xhud għaraf iċ-cheque li kien juri s-somma ta' Lm156. Meta kien mistoqsi min kien il-klijent huwa għaraf lill-akkużat. (paġina 184).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kienx ra lill-imputat qabel u lanqas kien rah wara l-inċident. Huwa kien ċċekkja mal-casette u xhud indika lill-persuna. Wara aktar mistoqsijiet, ix-xhud qal hekk:

'Darba rajtu fil-ħanut. Imbagħad erġajna tlajna l-Qorti. Aħna dejjem iltqajna hawnhekk u kemm-il darba kien hawn hekk meta, per eżempju, tgħajjatlu. Jien, min-naħa tiegħi, niftakar bniedem bħal issa.' (fol 187).'

Ikkonsidrat

Id-difiża baqgħet issostni s-sottomissjoni tagħha li Pascuale De Domenico ma kienx għaraf lill-appellant biżżejjed sabiex ikun soddisfatt il-grad ta' prova kif rikjest fi proċess ġudizzjarju kriminali.

Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti mhi qed tara ebda raġuni għala għandha taċċetta din is-sottomissjoni. Jekk il-Qorti toqgħod biss fuq dak li xehed Pasquale de Domenico it-tieni darba, jiġifieri fis-6 ta' Mejju 2005), l-identifikazzjoni kienet ċara biżżejjed. Bħalma sew qalet l-Ewwel Qorti, il-fatt li Pasqaule de Domenico kkonferma l-identita' tal-appellant wara li kien ra r-recording tat-transazzjoni ma jfissirx li dan ix-xhud kellu xi dubju dwar l-identita' tal-imputat. Din il-Qorti qrat il-fol 187 diversi drabi u fil-fehma tagħha bl-ebda mod ma jista' jkun hemm dubju dwar l-identifikazzjoni tal-appellant minn dan ix-xhud.

Barra dan huwa sinifikanti wkoll li, kif xehed Carmel Borg Cutajar, li kien jaħdem mal-Master Wine, kien il-ko-imputat l-ieħor li uża c-cheque Dok CMC 1, iżda l-appellant kien mar ma' Chapman u saħansitra staqsa x'ħin kienu ser jagħlqu l-ħanut.

**Huwa diffiċli li tiġri kumbinazzjoni bħal din: li persuna tkun fiżikament preżenti f'żewġ inċidenti similissimi u tibqa' ssostni li hemm xi dubju dwar l-identifikazzjoni tagħha minn bniedem raġjonevoli**.

Qiegħed jingħad ukoll li meta jkun hemm bdil fil-Maġistrat li qed jisma' l-kawża ma jfissirx li dak li jkun instema' qabel itir mar-riħ. A fol 49, il-Maġistrat innifsu li kien qed jippresiedi qal: 'Ix-xhud (Pascuale de Domenico) qed jindika lill-qorti 'l-imputat Paul Gauci Borda.' Din il-parti tal-proċess ma jfissirx li m'għandhiex titqies għax jittella' l-istess xhud **kważi sitt snin** wara li kien xehed l-ewwel darba biex jerġa' jiddeponi mill-ġdid. U f'dan il-każ ikkonferma dak li kien qal qabel.

Il-Qorti ssib li r-reat indikat fis-sentenza – użu ta' cheque li mhux tiegħu fejn japplikaw l-artikoli 169, 184 u fejn jista' jkun applikat l-kunċett ta' konkurs formali – ġie ippruvat.

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

**Dwar il-piena**

L-abbli difensur jissottometti li l-piena hija iebsa. Fost ir-raġunijiet li tagħti d-difiża hemm it-trapass taż-żmien kif ukoll li llum l-appellant issettilja.

Ikkunsidrat

Li matul il-proċess mhux l-ewwel darba li l-appellant ma kienx preżenti u darba minnhom saħansitra kellu joħroġ mandat ta' arrest sabiex ikun preżenti.. Barra dan, mill-1999, l-appellant kien misjub ħati ta' diversi reati oħra fothom ta' serq (diversi drabi), falsifikazzjoni, u traffikar ta' droga.

L-inqas ammont ta' priġunerija li setgħet tingħata f'dan il-każ kien ta' tlettax-il xahar.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tal-Maġistrati tat **sena** priġunerija effettiva, jiġifieri xahar anqas mill-miminum. Meta wieħed jikkonsidra li l-appellant ma għarafx juża ċ-ċans li ngħatalu fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2001 meta flok kien ikkundannat kien tpoġġa taħt probation, din il-Qorti ma tarax il-għala għandha tibdel il-piena li ddeċidiet fuqha l-Ewwel Qorti ħlief minħabba t-trapass taż-żmien. (1999 – 2012).

Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad ukoll din il-parti tal-appell ħlief għall-kwistjoni tat-trapass taż-żmien.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-3 t'Awwissu 2012 billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati ta'użu ta' cheque li ma kienx tiegħu iżda tirriformaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal sena priġunerija effettiva u minflok, minħabba t-trapass taż-żmien, qed tikkundannah għal piena ta' għaxar xhur priġunerija effettivi.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------